MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 1403/1999/1

**A**

**vs.**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 17 ta' Gunju 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fit-13 ta' Settembru 1991 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal Zachary Gauci ta' erba' (4) snin u Naomi Gauci ta' tlett (3) snin;

Illi l-attrici meta zzewget kellha biss sbatax-il sena u kienet ilha gharusa lill-konvenut minn meta kellha tlettax-il sena;

Illi qabel iz-zwieg il-konvenut kien jilghab loghob tal-azzard f' ammonti ta' flus sostanzjali;

Illi l-attrici rabtet il-kunsens taghha ghaz-zwieg mal-konvenut ma' kondizzjoni li fil-futur il-konvenut ma jilghabux izjed;

Illi l-konvenut waqaf jilghab circa sena qabel iz-zwieg u dan skond kif il-konvenut kien jghid lill-attrici;

Illi wara z-zwieg il-konvenut rega' beda jilghab kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut wara z-zwieg inbidel u beda jsawwat u jwettaq sevizzi, ingurji gravi, theddid fil-konfront tal-attrici;

Illi wkoll il-konvenut rabat iz-zwieg tieghu mal-attrici ma' kondizzjoni li huma ghandhom jizzewgu skond ir-religion tal-*"Jehovah Witnesses"* u li fil-futur l-attrici w uliedhom kellhom ihaddnu din ir-religjon;

Illi l-attrici ma ridetx thaddan din ir-religijon u kienet sfurzata tibda thaddan din ir-religjon ta' hmistax-il sena inkella l-konvenut ma jizzewghiex;

Illi l-partijiet rabtu l-kunsens taghhom ma' kondizzjonijiet li jirreferu ghall-futur;

Illi l-kunsens tal-attrici nkiseb bi vjolenza u / jew biza';

Illi l-kunsens tal-attrici ghal dan iz-zwieg inkiseb b' qerq dwar kwalita' tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kin vizzjat b' diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghha u jew b' anomalija psikologika serja li jaghmilha mpossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzajli ghaz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga da parti tal-konvenut;

Illi l-partijiet ghalkemm mhux interdetti jew morda b' mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Illi, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett *ai termini* ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-Ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti minn fol. 3 sa fol. 5 tal-process.

Rat l-affidavit tal-attrici A, a fol. 6 u fol. 7 tal-process.

Rat l-affidavit ta' missier l-attrici; Anthony Camilleri a fol. 8.

Rat l-affidavit ta' omm l-attrici; Antonia Camilleri a fol. 9.

Rat l-affidavit ta' oht l-attrici; Jacqueline Cunnigham a fol. 10.

Rat il-verbal datat 8 ta' Marzu 2000.

Rat in-nota tal-attrici datata 24 ta' Marzu 2000, a fol. 16, li permezz taghha tat ruhha b' notifikata bi smiegh tal-kawza.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut B datata 7 ta' April 2000 a. fol 18 tal-process, fejn ecepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-eccipjent jiddikjara li ma jopponix it-talba attrici li l-imsemmi zwieg bejn il-partijiet jigi dikjarat null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjent jiddikjara illi l-allegazzjonijiet mressqa mill-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi effettivament, in-nullita' taz-zwieg huwa mputabbli lill-attrici;

4. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut datata 7 ta' April 2000 u l-lista tax-xhieda a. fol 19 u 20.

Rat il-verbal tad-29 ta' Mejju 2000 minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo fejn giet nominata Dr. Deborah Farrugia nee' Huber biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat il-verbal tad-29 ta' Novembru 2000, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi kienu qed jingabru b'mod regolari.

Rat il-verbal tat-2 ta' Mejju, 2001, fejn il-Qorti giet infurmata li provi kienu qed jingabru b' mod regolari.

Rat il-verbal datat 13 ta' Novembru, 2001 fejn il-Qorti giet infurmata li provi kienu qed jingabru b' mod regolari.

Rat l-avviz tal-Qorti daat 21 ta' Marzu 2002, fejn gie ordnat li din il-kawza kienet ser tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghas-19 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbal tas-19 ta' Gunju 2002, fejn inghata digriet tal-affidavit tal-konvenut b' terminu ta' hamsin (50) gurnata.

Rat il-verbal tat-30 ta' Jannar 2003.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali minn fol. 37 sa fol. 84 tal-process.

Rat il-verbal datat 25 ta' Gunju 2003.

Rat il-verbal datat 12 ta' Novembru 2003 fejn il-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia ddikjarat li kienet ser tipprezenta r-rapport taghha f' dik il-gurnata.

Rat il-verbal datat 20 ta' Jannar 2004.

Rat il-verbal datat 19 ta' Frar 2004, fejn il-kawza giet kancellata.

Rat ir-rikors tal-attrici A, datat 23 ta' Frar 2004, fejn talbet lil din il-Qorti biex joghgobha tqieghed il-kawza fuq il-lista sabiex tigi trattata u deciza u dan dejjem taht il-provvedimenti kollha xierqa w opportuni.

Rat id-digriet datat 24 ta' Frar 2004, fejn il-Qorti ordnat lill-attrici biex thallas lill-Perit Legali.

Rat in-nota tal-attrici A, datata 12 ta' Marzu 2004, li permezz taghha prezentat l-ircevuta tal-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia.

Rat id-digriet datat 30 ta' Marzu 2004, fejn il-Qorti laqghat it-talba u rriapuntat il-kawza.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 1 ta' Marzu 2004, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti sabiex joghgobha tirrapunta l-kawza ghas-smiegh fuq il-provi u fuq l-istess atti esibiti, salv dawk il-provvedimenti kollha xierqa w opportun.

Rat id-digriet datat 8 ta' Marzu 2004, fejn il-Qorti rreferit lill-konvenut ghad-digriet tat-23 ta' Frar 2004 fuq ir-rikors tal-attrici u allura astjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess rikors.

Rat il-verbal datat 15 ta' Gunju 2004, fejn id-difensuri tal-partijiet infurmaw lil Qorti li l-provi huma maghluqa. Il-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia halfet ir-rapport. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Frar 2005.

Rat ir-rapport ta' Dr. Deborah Farrugia.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (I) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici**ipprezentat ix-xhieda taghha permezz ta' affidavit fejn tispjega li hija ltaqghet mal-konvenut fit-12 ta' April 1987 meta kellha 13-il sena. Il-konvenut kellu 19-il sena. Dak iz-zmien il-konvenut kien diga` kellu l-fama li jilghab il-loghob ta' l-azzard. Hija mill-ewwel darba li ltaqghet mal-konvenut kienet impressjonata bl-ammont kbir ta' flus kontanti li kellu fil-kartiera tieghu w issuspettat li kienu rizultat ta' rebha sostanzjali. Tghid li huma damu gharajjes erba' snin u nofs. Il-konvenut baqa' bil-vizzju tal-loghob

Illi hija tixhed li wara xi sena u nofs johorgu flimkien il-konvenut kien infurmaha li beda jistudja l-Bibbja ma' tal-*"Jehovah's Witnesses"* u li hemm kien qed ihossu jinbiddel. Il-konvenut kien insista li hija tmur ukoll. Ghall-ewwel irresistit ghaliex kienet imrobbija f' ambjent kattoliku. Darba marret bil-patt li tisma biss. L-attrici tghid li imbaghad l-konvenut infurmaha li huwa sejjer ikompli r-religjon u huwa ried jizzewweg f'dik ir-religjon u li *"jekk jien ridt nibqa' mieghu ridt nikkonverti ghal dik ir-religjon jien ukoll".* Hemm hasset li r-relazzjoni taghhom kienet mhedda jekk ma taccettax. Tghid: *"Jiena kont inhobbu u kont lesta naghmel kollox biex ma nitilfux."* Ghalhekk fl-ahhar hija accettat li tibda tistudja mieghu li jizzewgu bir-rit tal-*Jehovah Witnesses.* L-attrici tghdi li l-konvenut kien ghamel kundizzjoni li t-tfal miz-zwieg taghhom kellhom jigu mharrgin skond ir-religjon tal-Jehovah Witnesses u ma jitghammdux bil-Knisja Kattolika. Tghid: *"Jien kelli naccetta."* Meta l-attrici kienet qalet lil ommha b' dan hija haditha bi kbira u riedet li l-attrici titilqu. Il-kovenut qatt ma' gie accettat fid-dar. Hija tghid li ghamlet kundizzjoni ghaz-zwieg li l-konvenut kellu jieqaf mill-loghob ta' l-azzard. Tghid: *"..bil-weghda li ma jilghabx izjed kont accettajt il-kundizzjonijiet tieghu li nikkonverti ghar-religjon tal-Jehovah Witnesses."* Fil-fatt il-partijiet izzewgu fit-13

ta' Settembru 1991 fis-sala tal-Jehovah u skond ir-rit taghhom. Sa l-ahhar mument il-familjari taghha irrifjutaw li jkunu prezenti izda imbaghad ikkonvincithom.

Illi l-attrici tghid li miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal, Zachary li twieled fl-10 ta' Awissu 1994 u Naomi li twieldet fit-8 ta' Dicembru 1995. Tghid: *"Meta twieldu lanqas kont nazzarda nissuggerilu li nghammduhom skond ir-rit Kattoliku. Fil-fatt ghalkemm jien kont nipprattika r-religjon tal-Jehovah Witnesses, jien dejjem kont naghmel dan kontra qalbi."* Wara xi snin il-konvenut rega` beda jilghab il-loghob ta' l-azzard. Hija tixhed:-

*"Meta zzewwigt jien kelli biss 17-il sena. Illum li ghandi 25 sena nhoss illi dak iz-zmien kont immatura hafna. Bkien l-ewwel guvni li hrigt mieghu bis-serjeta`. Illum nhoss illi l-fatt li dhalt ghar-responsabilita` taz-zwieg ta' eta` daqshekk zghira jikkonferma kemm kont immatura. Jien qatt ma stajt nirrealizza r-responsabilitajiet u l-problemi tal-hajja mizzewwga."*

Illi hija kompliet tixhed fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2000 u qalet li:-

*"Jiena ltqajt mar-ragel meta kelli 13-il sena. Konna nohorgu flimkien. Kien iwassalni l-iskola. Jiena kont kattolika. Kont naf li kien jilghab loghob tal-karti. Xi sitt xhur wara illi bdejna nohorgu flimkien sirt naf illi huwa beda jiffrekwenta xi dar tal-Jehovah Witness. Darba minnhom mar f'din id-dar u hallieni nistenna fil-karozza. …Naf illi kien imur il-kazin u jiltaqa' ma' xhud tal-Jehovah hemmhekk. Darba kien waqaf ikellem lil dan ir-ragel barra fit-triq quddiemi; dan kien Leli Vella. Kif tlaqna minn hdejn dan Leli Vella, ir-ragel dak iz-zmien l-gharus qalli illi huwa kien qieghed jistudja mal-Jehovah. Dan kien qieghed jaghmlu minghajr ma kont naf jiena. Qalli li kien imur xi darba fil-gimgha ghandhom. Huwa darba qalli illi kellu xi studju u xtaqni immur mieghu u qalli illi ma kellix ghalfejn nitkellem pero' nisma' biss. Jiena mort din l-ewwel darba u minn hemm bqajt immur ghaliex, cioe' il-Jehovah, jafu kif idahhluh fis-sistema."*

Illi hija tkompli tixhed hekk:-

*“Huwa qalli illi minhabba l-Jehovah kien sejjer jaqta’ mill-vizzji kollha, cioe’ xorb, loghob tal-karti u jrabbi l-ghaqal. Huwa ikkonvincini illi hija xi haga sabiha li nrabbu l-ghaqal. Lanqas inpejjpu ma konna, t-tnejn konna npejjpu u t-tnejn waqafna. Anki fuq certi affarijiet li kien jaghmel qabel illi kienu hziena dan beda jinbidel. Jiena imbaghad mort nghid lill-ġenituri illi kont qieghda mmur ma’ Bdawn il-laghqat bil-fors ghaliex fil-bidu jekk kont nghidlu illi ma ridtx immur konna niggieldu. Il-genituri tieghi haduha kontra tieghi u anki tieghu. Il-genituri tieghu wkoll haduha kontra Bfuq din.”*

Illi jsostni li: *“meta jiena kelli 16 u Bkellu 22 tgharrasna u sena wara zzewwigna. Ghall-gherusija c-cerminonja kienet cerimonja ta’ Jehovah, biss jiena ghidtlu biex naghmluha l-knisja pero’ huma ma riedx. Ovvjament il-genituri ma gewx u lanqas tieghu ma qablux mal-gherusija”.*

Illi hija tixhed ukoll li: *“Darba niftakar illi ommi kienet sabet xi kotba tieghi tal-Jehovah mohbija fid-dar. Hija kienet qattathomli, tatni xebgha u keccietni mid-dar u kienu accettawni tal-Jehovah. Filghaxija mort lura ghand ommi ghaliex kienet ma tiflahx hafna, alavolja hija ma rieditnix id-dar. Hija kienet haditha bi kbira wisq dwar din tal-Jehovah u kienet ghalhekk ma tiflahx. Ommi kattolika hafna. Bqatt ma kien accettat god-dar tal-genituri tieghi. Ommi kellha hafna anzjeta’ fuq din l-affari.”*

Illi fil-fatt huma importanti l-kliem li tghid l-attrici: *“Jiena kont ridt illi nitgharras gewwa l-knisja u anki nizzewweg hemm pero’ Bma riedx u jiena accettajt ghaliex kont ghadni zghira u mmatura u kont nikkonvinci ruhi malajr.”*

Illi dwar ir-religjon tghid: *“Jiena komplejt immur ghal-laghqat tal-Jehovah. Huma ghandhom sistema li jekk tibda maghhom ma tistax titlaq ghaliex imbaghad tmut spiritwalment. Huma jitfghu pressure kbira nibqa’ maghhom. Xi zmien qabel ma zzewwigna kont tghammidt mal-Jehovah.” “Ahna zzewwigna fit-12 ta’ Settembru,*

*1991 u sa dak iz-zmien bqajt nghix mal-genituri tieghi pero' huma ma kienux ikkelmuni; jiena kont dejjem barra mid-dar. Jiena kelli 17 meta zzewwigt u huwa 23. Ahna zzewwigna b'cerimonja tal-Jehovah filghaxija tat-13 ta' Settembru 1991. Il-funzjoni saret fis-sala tal-Jehovah il-Marsa. Kemm il-genituri tieghi u kemm tieghu gew ghall-funzjoni. Missieri ried li jtellghani huwa u ma riedx illi nitla' mal-barranin. Ic-cerimonja tal-Jehovah taz-zwieg kienet jiena u David, il-genituri taghna u zewg xhieda taghna u l-bqija nies tal-Jehovah. Ic-cerimonja taz-zwieg civili saret dak il-hin stess.***"**

Illi l-attrici kompliet tixhed fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2000 u tghid:**-**

*"..iz-zwieg jiena kont ninsisti illi jsir- kont nippushjah hafna ghaliex jiena kont imxebba d-dar u Bkien jafu dan u ghalhekk ridt nizzewweg. Huwa kien ighidli: "m'ghandniex ghalfejn nghagglu," pero' jiena ridt li nghaggel nizzewweg sabiex nitlaq mid-dar u nkun wahdi mieghu. Jiena d-dar kelli hafna dejjem bil-glied u l-argumenti u dana fuq Bghaliex ma kienx accettat id-dar u l-iktar minhabba r-religjon. Ommi kienet issakkarni gewwa sabiex ma nohrogx mid-dar u niltaqa' mieghu, gieli anki sawtuni sabiex ma niltaqax mieghu pero' jiena xorta wahda bqajt niltaqa' mieghu. Kont naghmel jumejn ma narahx u imbaghad nerga' nibda. Qabel ma ltqajt ma' Bu ma kellix problemi mal-familja tieghi."*

Illi hija tghid huma izzewgu l-Gimgha u t-Tnejn filghodu kienu marru Ghawdex ghal *'honeymoon'.* Tghid: *"Niftakar illi kellna flimkien xampanja fil-karozza u dana nfetah diga' mit-triq. Jiena kelli nzommu pero' dan waqali u Bghamel storbju shih ghaliex hammigtlu l-karozza. Ahna wasalna l-flat u m'ghogobnix u ridt nitlaq. Bma riedx jitlaq ghaliex kien diga' hallas. Jiena bqajt ninsisti li l-flat kien ikrah u ridt nitlaq. Huwa ma riedx u ghalhekk beda jsawwatni, waddabni fuq is-sodda u sabbatni tnejn, jghajjat u jghid illi dan il-post kellu ghamara antika u jiena kont imdorrija fil-lussu. Nghid illi Bqatt ma kont nafu hekk-kien inbidel. Bqatt ma refa' jdejh fuqi jew ghamel xenati qabel iz-zwieg***."***

Illi fuq il-karattru tal-konvenut wara z-zwieg tghid: *"Bwara z-zwieg kien jintilef, bla kontroll, ikisser l-affarijiet madwaru u gieli anki refa' jdejh fuqi. Dan l-abbuz kien kontinwu u kien jigri per ezempju anki jekk kont immur nixtri u nonfoq iktar milli suppost. Il-glied u xenati kienu ta' kuljum, ezempju jekk ma nnadafx kuljum kien jigi jiccekja t-trab b'idejh u jaghmel xenata jekk isib it-trab. Kelli nfarfar kuljum. Jiena kont nahdem ukoll, bhala salesgirl it-Tikams, Msida."*

Illi dwar tfal l-attrici tixhed: *"Mill-ewwel gimghat taz-zwieg Bried it-tfal u jiena kont nghidlu, "ghadni zghira- nistennew ftit." Din kienet pressure kbira ghaliex il-hin kollu jsemmi illi ried it-tfal. Bkien jipprova jisforza sesswalment sabiex ikolli t-tfal. Jiena ma kontx inhallih meta ninduna, gieli wara kont ninduna u jien ma riedtx tfal dak iz-zmien."*

Illi l-attrici tirrakkonta l-incidenti ta' vjolenza mill-konvenut: *"kien hemm zmien meta kont ukoll naghmel rapport l-ghassa meta kien isawwatni. Bkien jigi warajja u jitfani fil-kamra sabiex ma mmurx l-ghassa. Kien hemm drabi meta mort l-ghassa naghmel rapport. Darba wkoll kien iccekjani tabib fuq swat ta' David. Kelli daqqa gewwa genbi. Darba niftakar illi Bkien waddabli s-sikkina sabiex jolqotni u minflok kien laqghat il-gradenza gewwa l-kamra tas-sodda. Darba ohra kien kisser stereo/ radio/alarm. Ma niftakarx fuqiex kien ghamel hekk. Gieli wkoll kien jiggieled jekk huwa jasal id-dar u jiena ma nkunx hemm u jiena bilfors kelli nkun id-dar meta jasal huwa ghaliex inkella jaghmel storja."*

Illi dwar ir-relazzjoni intimi tal-kontendenti tghid**:** *"Xi sena/sena u nofs wara illi zzewwigna ahna waqafna jkollna relazzjoni sesswali bejnietna u dan minn naha tieghi ghaliex huwa kien jabbuza minni bis-swat u jiena kont nibza' minnu. Kont inhoss illi huwa kien qieghed 'jirrejpjani' meta jmissni. Mill-bidu taz-zwieg meta beda jsawwatni r-relazzjoni sesswali taghna kienet rari hafna, jiena kont naghmel bilfors, wahda ghaliex ma kellix xewqa sesswali ghalih ghaliex kien isawwatni u l-ohra ghaliex*

*kont naf illi jekk naghmel mieghu kien sejjer jipprova itaqqalni ghat-tfal."*

Illi l-attrici tirrakkonta li tlett snin wara z-zwieg hija kienet harbet mid-dar: *"Bkien gie ghalija l-Imgarr minghand il-habiba Rose. Huwa kien qajjem 'panic' jghajjat, idoqq il-horn, icempel il-qanpiena tad-dar taghha u kelli nohrog bilfors. Kif dhalt gewwa l-karozza qabadni minn ghonqi ghaliex ghidtlu illi ridt nitilqu, ridt separazzjoni taghna qabel ma kellna t-tfal. Huwa kien kontra l- 'pill'. Hadtha ghal ftit imbaghad waqaft minhabba fih. Bkien qalli meta qabadni minn ghonqi, "jekk ma tkunx tieghi ma tkun ta' hadd." Jiena dak il-hin veru hassejt illi kont sejra mmut. Hajti giet mhedda u kelli nibqa' mieghu inkella mewt ghalija. Jiena kont nibza nitilqu…..Wara dan l-incident jiena mort lura d-dar ma' Bghaliex kont mhedda- ma stajtx immur ghand ommi ghaliex ma kinitx taccetani, flus ma kellix."*

Illi tghid li hija ppruvat issalva z-zwieg u talbet lill-konvenut immorru *counselling* izda huwa ma ridtx. Il-Jehovah kienu ukoll ippruvaw jghinu. Hija kienet harget tqila, bit-tifel Zachary, ftit xhur wara dan l-incident u cioe` f' Novembru 1993. Tghid: *"Niftakar illi dak iz-zmien meta hrigt tqila kellna argument iehor, ghaliex offendejtu fuq il-familja tieghu u jiena mort ghand ommi, jiena ma riedtx immur lura u gie jhabbat il-bieb fis-sakra tard bil-lejl. Ahna ghidnilu illi wara baghatna lill-pulizija u huwa telaq lejn id-dar. L-ghada gie u ommi dahlitu u qaghad jitkellem mal-familja."*

Illi fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2001 tkompli tixhed l-attrici u tghid:-

*"Il-glied kien kontinwu u imbaghad hrigt tqila bit-tifla Naomi. Jiena ma ridtx nerga' nohrog tqila pero' huwa kien ghamilha ghal tal-apposta. Fil-fatt meta indunajt illi kont tqila bkejt hafna."*

Illi l-istess attrici tixhed li dak iz-zwien il-konvenut kien xtara senter li kien izzomm dejjem ikkargatha**.** *"Jiena kont ninkwieta minhabba l-iskratac ghax kien hemm it-tfal.*

*Jiena qatt ma ridt illi s-senter jidhol id-dar pero' huwa xorta dahlu ghaliex li jrid kien jaghmel. Meta kien ikollna argument kien jhedded bih u jghidli, "dak ikkargat." Darba indunajt illi kellu l-iskratac fih u mort naghmel rapport l-ghassa. Huwa ma kellux licenzja sabiex juza s-senter pero' gieli kien imur ghall-kacca ma' missieri bih. Meta ghamilt ir-rapport il-pulizija qalli li ma jistax jehodlu s-senter, li jista' jiehu l-iskratac. Jiena kont nibza' hafna waqt glieda jew bil-lejl ghaliex dejjem nahseb illi xi darba sejjer juza dan is-senter. Huwa pero' qatt ma nehhieh minn postu waqt xi argument pero' naf illi jasal***.**"*

Illi hija tirrakkonta incident iehor li sehh f' Settembru/Ottubru 1998 fil-hajja mizzewga tal-kontendenti u tghid li darba hargu flimkien ma ohtha, Jacqueline Cunningham, r-ragel taghha, Bu t-tfal. Il-kontendenti kellhom argument dwar it-tielet tqala. Tixhed: *"Jiena bqajt hierga 'l barra u huwa beda jidghi li kulhadd beda jisma' u dana ghaliex deherlu illi m'ghandix nghidlu illi qieghed idahhaq lin-nies bija. Huwa qalli: "jiena r-ragel tieghek u nghid li rrid u jiena nikkmandak." Meta beda jghajjat jiena qomt u tfajt lit-tifla gewwa l-buggy sabiex nitlaq 'il barra. Huwa gie minn warajja u tefani fuq il-bieb ta' barra. Jiena xorta hrigt u huwa gie qabadni minn idi u tefani mal-art b'idi milwija u jigbidli xaghari***.**"*

Illi tghid li imbaghad hija baqghet gurnata barra, marret ghand habiba u ghand ommha. Tghid: *"..imbaghad mort lura d-dar ghaliex dejjem kelli dik il-bizgha minnu ghaliex kien jheddidni b'certu mod, "jekk ma tkunx tieghi ma tkun ta' hadd, jekk titlaqni ma nhallikx bi kwietek u ma torqodx bil-lejl, it-tfal ma tirbahhomli qatt ghax nehodhomlok u ma jghixux mieghek." Jiena qatt ma ridt nitlef lit-tfal u ghalhekk mort lura d-dar. Fil-fatt ma kontx tqila bit-tielet tarbija imma bzajt illi kien sejjer ikompli jtaqqalni***.**"*

Illi hija tghid li marret lura d-dar izda *"Imbaghad indunajt illi ma stajtx inkompli nghix din il-hajja fejn naghmel kollox li jghid huwa: ma nistax immur il-Belt, ma nistax immur nixtri, ma nistax insuq il-karozza, kelli swat mentalment kontinwu, kien jghid illi jekk insuq il-karozza jittantawni. Kien ried bilfors dak li naghmel jigi mieghi huwa anki*

*sabiex nixtri l-underwear tieghi. Flus ukoll ma kienx jaghtini bizzejjed.”*

Illi l-attrici tirrakkonta li fid-19 ta’ Dicembru 1998 kien gie l-konvenut mix-xoghol u qalilha *“jiena f’Jannar ghandi l-ahhar hawn.” Jiena hsibt illi sabiex nitilqu minn Bugibba u mmorru lura l-Mosta, d-dar taghna. Huwa qalli: “le jiena sejjer nitlaq.” Ghalija kienet soljeva ghaliex ghidt, daqshekk sejra inkun imsawta mentalment u fizikament. Fil-fatt la bkejt u lanqas ghamilt dwejjaq, ghalija strihajt. Fil-fatt telaq dakinhar stess ghaliex jiena ghidtlu illi seta’ jitla’ llum..”*

Illi l-attrici tghid li tul iz-zwieg il-konvenut baqa’ Jehovah’s Witness izda ma jippratikax ir-religjon. Wara li sseparaw l-attrici regghet marret fil-Knisja Kattolika. Tghid li wara li l-konvenut telaq mid-dar huwa qalilha li *“jiena minn wara darek kelli hajja doppja.” Jiena ma kontx naf illi wara z-zwieg huwa kien baqa’ jilghab il-flus u anki imur il-Casino.”*

Illi fis-seduta tal-25 ta’ April 2001 l-attrici xehdet in *kontro ezami* u tghid: *“Jiena u r-ragel iltqajna l-Mosta meta jiena kont immur il-bandli ta’ wara l-knisja u Bkien ikun hemm ukoll peress illi huwa kien jiffrekwenta bar fil-qrib; Jiena ma kontx naf mill-bidu illi kien Jehovah’s witness. Sirt naf xi sitt xhur wara illi bdejt nohrog mieghu u dan ghaliex qalli huwa. Ma kontx naf jekk kienx ilu maghhom jew le. Jiena ma riedtx naf fuqhom. Darba kont staqsejtu kemm kien ilu u huwa qalli biss, “ilni hafna”; Jiena nghid illi mhux dhalt mal-Jehovah’s pero’ dahluni u dana ghaliex “jekk ma tistudjax il-Bibja taghhom titlef hajtek,” u cioe’ ghaliex tinxtered man-nies hziena illi ma kienux Jehovah’s. “ I was roped in,” jiena kont ghadni zghira. Bkien jehodni mieghu ghal-laghqat tal-Jehovah bilfors ghaliex ma kienx jafdani wahdi mkien. Jiena kont immur bil-fors. “I was dragged in and I had no other options.” Jiena kont mhedda bil-hajja cioe’ jekk ma tmurx sejra nitlef hajti u mmut.”*

Illi dwar ir-relazzjoni mal-genituri taghha tghid: *“Meta ltqajt ma’ Bir-relazzjoni tieghi mal-familja kienet tajba pero’ meta l-genituri saru jafu illi bdejt niffrekwenta Jehovah inqala’ panic u r-relazzjoni mal-genituri tieghi ma baqghetx*

*tajba. Kienu jaharquli l-Bibja u jkissru l-affariiet tal-Jehovah's. Jiena kont lesta illi nitlaq lill-familja u nizzewweg lil Bpero' ma kontx kuntenta mieghu. Jiena d-dar mal-genituri kelli l-problemi minhabba Bu r-religjon. Kienu anki sakkruni gewwa d-dar. Ridt insolvi l-problemi tad-dar billi nitlaq u ninfacca bi problemi ohra cioe' Bu r-religjon. Jiena sibt li l-hajja tispicca ghalija. Nahseb illi kien hemm immaturita' minn naha tieghi.***"*

Illi dwar il-karattru tal-konvenut wara z-zwieg tghid: *"It-tibdil f'Bwara z-zwieg kienu: Bkien jitlef il-kontroll tieghu meta xi haga ma tmurx kif irid. Bkien minn dejjem pussessiv pero' qatt ma kien jitlef il-kontroll. Meta kien jitlef il-kontroll kien iwaddab skieken u jkisser oggetti fid-dar. Sa darba ried ukoll jghallaqni b'idejh stess. Dan kien jigri per ezempju jekk jidhol id-dar u jitfa' subghajh fuq il-mejda u jsib xi trab u jghidli, "ma farfartx illum, fejn mort?" jew jekk ma nurihx fuq kull haga ezempju jekk nohrog u ma nghidlux- kien ighid, "inti trid tobdini… Bkellu problema fil-loghob u nahseb illi kien jixrob ukoll. Bwas sick u kien jiffissa fuq kollox, anki platt mghawweg jew jara ragel isellimli ried isaqsi, anki nuccali bil-mera ma nistax nilbes.."*

Illi dwar tfal tghid: *"Jiena qatt ma xtaqt tfal. Jiena kont ghadni zghira u ma xtaqtx tfal qabel nikber u nimmatura. Jiena kont ghidtlu qabel iz-zwieg u ghidtlu sabiex inhallu ftit ta' zmien qabel ma jkollna t-tfal. Jiena xtaqt tfal imma aktar tard fiz-zwieg. Bkien qabel dak iz-zmien u qalli, "ahjar ghaliex nimlew il-post.***"*

Illi fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2001 xehdet in kontro ezami l-attrici u tghid li wara li twieled Zachary, xi sitt xhur wara harget tqila b' Noami. Ir-relazzjoni taghhom dak iz-zmien kienet hazina u baqghet sejra lura anke wara li twiledet it-tifla. Tghid li wara li twieldet Noami hija bdiet taghmel visti l-Isptar. Tixhed: *"Jiena ma nafx f'liema dipartiment kien jehodni ghaliex kien jaghmel kollox hu, pero' nahseb illi kien tal-mard mentali ghaliex kollha imgienen illi kont nara hemm. Jiena ma nafx kemm il-darba mort ghand it-tabib l-isptar. Dan huwa perjodu illi ma nistax niftakar kollox. Jiena kont imdejqa hafna dak iz-zmien. Dan it-tabib*

*Dr.Cassar, kien jippreskrivili xi pilloli. Jiena qatt ma ridt nehodhom. Ma niftakarx x'kien ir-raguni ta' dawn il-pilloli. Jiena kont qed nigi msawta d-dar u naf zgur illi lit-tabib Cassar ma stajtx nghidlu ghaliex Bkien dejjem jigi mieghi. Dr.Cassar kien jaf illi kellna problemi fiz-zwieg. Dak iz-zmien kienu bellawli pilloli u nghid hekk ghaliex naf illi ma kellix bzonnhom u spiccajt illi bihom ma niftakar xejn. Niftakar illi Dr.Cassar kien qalli illi Mount Carmel ma kienx jghodd ghalija. Bha l-opportunita' wara z-zewgt itqala u hafna problemi illi jipprova jghaddini bhala mignuna u jehodni Mount Carmel. Bkien jghidli illi sejjer jehodni Mount Carmel u anki ommi kienet tghidlu le. Naf illi Bkien jitfaghli 'anti-depressant' gewwa t-tazza ghaliex jiena ma riedthomx. Jiena ma riedtx immur ghand tabid; Bhadni. Lanqas ma ridt niehu l-pilloli."* Illum ma ghadhiex tiehu dawn il-pilloli.

Illi **Anthony Camilleri**, missier l-attrici, xehed permezz ta' affidavit u jghid li jiftakkar lill-konvenut bil-Bibbja tal-Jehovah. Il-partijiet kienu tgharrsu bir-rit tal-Jehovah. Huma ghamlu minn kollox biex jopponu din l-eghusija ghaliex ma kinitx bil-Knisja Kattolika u ma marrux ghac-cerimonja. Jghid li huma kienu keccew lill-attrici mid-dar.

Illi huwa kompla jghid li meta d-data taz-zwieg kienet riesqa huma kienu marru flimkien mal-attrici u l-konvenut gewwa c-Centru Hidma Socjali sabiex jitkellmu ma' *social worker* bit-tama li jikkonvinci lill-partijiet jirrivertu ghall-Knisja Kattolika, izda kien kollu ghal xejn. Huwa u martu ma riedux jattendu ghac-cerimonja ta' zwieg bir-rit tal-Jehovah u lanqas ma ried li jtella' lill-attrici. Izda qassis kien ikkonvincih u qallu li dik kienet bintu.

Illi l-istess xhud kompla jghid li:-

*"Jien dejjem kont nghid lil Bli Akienet ghadha tifla. Jien kont konvint li ma kinitx matura bizzejjed ghaz-zwieg. Izda hi ghaddset rasha u zzewgitu."*

Illi dwar il-konvenut jghid li kien sema' li huwa kien pezza kustjoni u bniedem ta' *guts*.

Illi **Antonia Camilleri**, omm l-attrici, xehdet permezz ta’ affidavit u tghid li meta l-attrici kellha 14-il sena hija saret taf li l-attrici u l-konvenut kienu sejrin jitgharrsu. L-attrici hemm qaltilha li ser titgharras bir-rit ta’ *Jehovah’s Witnesses*. Ix-xhud kienet haditha bi kbira hafna. Tghid li hija qatt ma accetat lill-attrici tkun f’din ir-religjon. Lanqas il-genituri tal-konvenut ma riedu li l-partijiet ikun xhieda ta’ Jehovah. Fil-fatt kienet saret laqgha bejn il-genituri tal-partijiet u Father Adriano sabiex jikkonvincuhom jerghu lura fil-Knisja Kattolika. Din ma rnexxietx. Tispjega li lill-konvenut qaltlu li l-attrici kienet taht l-eta` u ma kellux dritt jehodha fejn irid minghajr permess. Qaltlu: *“Dawwartieli David!”* Wara keccitu mid-dar.

Illi hija tistqarr li qatt ma kienet kuntent bl-gherusija tal-partijiet li saret bir-rit ta’ Jehovah. Hija u zewgha ma attendewx. Anke meta waslu ghaz-zwieg kienet ippruvat tikkonvincihom sabiex jizzewgu bil-Knisja Kattolika izda kien kollu ghal xejn.

Illi **Jacqueline Cunningham**, oht l-attrici, xehdet permezz ta’ affidavit u tghid li kienet iltaghet mal-partijiet u l-impressjoni li hadet kienet li l-konvenut kien kbir wisq ghall-attrici. Hija saret taf li l-partijiet kienu dahlu ma tal-Jehovah’s Witnesses u haditha bi kbira ghaliex il-familja taghha dejjem hadnet ir-religjon tal-Knisja Kattolika. Dwar l-karattru tal-konvenut tghid: *“Bkien it-tip li kollox kif jghid hu, u dak li jghid hu biss kien tajjeb ghalih.”* Tghid li hija kienet semghet lill-konvenut jghid lill-attrici li jekk hija ma tidholx mal-Jehovah’s Witnesses hu ma kienx se jizzewwigha.

Illi hija tirrakkonta incident wara z-zwieg tal-partijiet meta l-kontendenti kellhom argument. L-attrici kien qamet u telqet mir-restaurant bit-tifel. Il-konvenut beda jghajjat u hareg warajha. Lill-attrici kien lwielha idejha u waqqaghha ma’ l-art. Darba tghid li rat lill-konvenut jisforza lill-attrici tiehu xi pilloli. Huwa qal li dawn kienu pilloli sabiex tikkalma. Tghid: *“Hu kien qalli li kienet martu u avzani biex ma nindahalx.”*

Illi fis-seduta tas-7 ta’ Novembru 2002 xehed **Father Adrian Cachia** u jghid li lill-partijiet jafhom izda jaf lill-konvenut permezz tal-attrici. Jixhed: *“L-attrici kellmitni meta bdiet tara lil Bghaliex inqala’ xi disgwid mal-familja taghha ghaliex Bma kienx tal-istess religjon u kien ta’ Jehovah’s witness. Il-genituri taghha baghatu lill-attrici tkellimni diversi drabi fuq din il-kwistjoni. Din kellha xi 13 jew 14-il sena. Kont nghidilha li “ghadek zghira u tghaggilx”. Fuq ir-religjon kienet tghid “jiena ingibu lura lejn ir-Religjon Kattolika”. Jiena kont xettiku fuq din il-haga u ghidtilha ghaliex difficli li jinholoq punt ta’ djalogu ma’ dan ir-religjon.”* Jghid li l-konvenut kien kellmu darbtejn ghaliex baghtuh il-familja tal-attrici. Jaf li l-attrici daret fir-religjon u saret *Jehovah’ s Witness*. Dwar dan l-istess xhud jghid li *“jiena ergajt ippruvajt nikkonvincieha mill-gdid sabiex ma tizzewwigx lil Bu fl-ahhar ghidtilha “jiddispjacini, izda sejra tbati mieghu”. Akienet infatwata u ghaliha ma kienx hemm “turning back”. Kienet lesta, kif fil-fatt ghamlet, li anke titlaq ill-familja taghha sabiex tkun ma’ David. Ma kinitx qed tirraguna.”*

Illi l-konvenut xehed permezz ta’ affidavit u qal li huwa iltaqa mal-attrici meta kellu 19-il sena u hija kellha 13-il sena, gewwa hanut tax-xorb. Bdew johorgu flimkien u jiltaqghu regolari. Jghid li wara erba’ xhur hija riedet li jidhol id-dar taghha. Huwa hass li kienet ghada zghir wisq sabiex jintrabtu b’ dak il-mod izda hija baqghet tinsisti u ghalhekk huwa kien iltaqa’ mal-genituri taghha u baqa’ jmur b’ mod regolari. Kompla li wara xi zmien kien informa lill-attrici li qed jistudja l-Bibbja max-Xhieda tal-Jehovah. Hija riedet tibqa’ mieghu. Wara xi zmien l-attrici rat li huwa kien inbidel ghall-ahjar ghaliex kien waqaf ippejjep u jilghab il-lottu, u ghalhekk talbitu li tibda tattendi hija wkoll ghal laqghat tal-istudju.

Illi l-istess konvenut isostni li l-genituri taghha kienu jafdawha mieghu, ghalkemm kienet ghada zghir. Dan ghaliex kienu jafu li huwa kien tal-affari tieghu. L-attrici kienet anke sifret mieghu meta kellha 15-il sena. Meta hija kellha 16-il sena pproponiet li jitgharrsu. Jghid li meta l-attrici infurmat lill-genituri taghha li kienu qed jistudjaw il-Bibbja tal-Jehovah, huma haduha kontra tieghu u

keccewh minn darhom. L-attrici kienet ser titlaq mieghu izda missierha heddidha bis-senter li joqtolha. L-ghada l-attrici kienet marret lura d-dar. Xi gimgha wara l-incident l-attrici kienet cemplitlu u meta iltaqghu qaltlu li hija xtaqet tizzewweg ghaliex kienet iddejqet id-dar. Hija ma kinitx taqbel mal-genituri taghha u fil-fatt kienu jitlewwmu hafna bejnithom. Il-kontendenti baqghu jaraw lill-xulxin u ftit wara rega' beda jidhol id-dar taghha. Jghid li meta tgharrsu l-familji taghhom ma attendewx ghaliex kienet celebrazzjoni tal-Jehovah. Waqt l-ikla l-partijiet kienu ftehmu d-data taz-zwieg.
Illi l-konvenut jghid li huma tghammdu max-Xhieda tal-Jehovah fid-29 ta' April 1990 u izzewgu fit-13 ta' Settembru 1991. Sa ftit zmien qabel iz-zwieg il-genituri taghha ma riedux jattendu ghac-cerimonja taz-zwieg fis-sala tal-Jehovah, izda fl-ahhar attendew. Jixhed li huma kienu ftehmu li wara z-zwieg ikollhom it-tfal. Wara li ghamlu gimgha *honeymoon* f' Ghawdex marru d-dar u beda l-inkwiet. L-attrici bdiet tkun aggressiva mieghu. Kienet mohha biss fil-hrug. Fl-ewwel ftit xhur taz-zwieg huma kien jippruvaw ikollhom tfal izda l-attrici ma' hargitx tqila. Xi 6 xhur wara l-konvenut kien sab xi pilloli. Meta staqsa lill-attrici hija qaltlu li: *"…hi ma riedetx tfal u qaltli li kienet izzewget sabiex titlaq mid-dar tal-genituri taghha u sabiex tehles minnhom ghax dejjem jiggieldu bejnithom u maghha. Illi kien ghalhekk li hi kienet qed tiehu dawn il-pilloli sabiex ma tohrogx tqila."*

Illi l-konvenut jghid li l-attrici imbaghad waqfet tiehu l-pilloli u sentejn wara li zzewgu l-attrici harget tqila. L-attrici regghet bdiet tinbidel. It-tifel, Zachary twieled fit-8 ta' Awissu 1994 u tmien xhur wara l-attrici regghet harget tqila. Noami twieldet fit-8 ta' Dicembru 1995. L-attrici bdiet taghmel in-nervi u saret aggressiva. Lit-tfal ma kinitx trid taf bihom u bdiet terfa idejha fuq it-tfal. Wara li insista mal-attrici hija marret ghand it-Tabib u ta xi kalmanti. Imbaghad bdiet il-visti l-isptar.
Meta marru jghixu gewwa Bugibba l-attrici bdiet titraskura l-obbligi taghha, u kienet tqatta' hafna hin barra. Jghid: *"Meta nigbed l-attenzjoni taghha lejn dan l-agir taghha, kienet tghidli li m'ghandhiex nindahal, u jekk ma joghgobniex nista' nitlaq."*

Illi **Salvina Gauci**, omm il-konvenut, xehdet permezz ta' affidavit u tghid li ghalkemm l-attrici kienet tifla helwa minn dejjem kienet nervuza hafna. Tghid li meta kienu gharrajjes, l-attrici kienet tqatta' hafna hin id-dar taghha ghaliex kienet tghidilha li kienet imdejqa hafna d-dar tal-genituri taghha fejn kienet tghix. Kienet tghid li ma kinitx taqbel mal-genituri taghha u li ma kinitx komda tghix maghhom. Tixhed: *"Kienet dejjem tghidli li jigri tizzewweg ghax ma felhitx aktar tghix mal-genituri taghha."* Tghid li l-konvenut kien u ghadu Jehovah Witness. L-attrici kienet taf b' dan u fil-fatt saret hija wkoll. Qabel iz-zwieg il-kontendenti kienu jhobbu t-tfal. Wara z-zwieg l-attrici bidlet l-agir taghha. Kienet saret aktar nervuza u tghid li t-tfal fihom wisq xoghol.

Illi l-istess xhud tixhed li l-konvenut ma tafx li kien jilghab il-loghob tal-azzard anzi kien gemma flusu u xtara post qabel iz-zwieg. L-attrici qatt ma gergret fuq xi vizzji tal-konvenut. Hija tghid li l-konvenut qatt ma kien ragel vjolenti. Anzi jsostni li l-attrici kienet tiftah qalbha maghha dwar kollox u kienet thobbha iktar minn ommha. L-attrici qatt ma semmiet li l-konvenut kien refa' idejh fuqha. Meta izzewgu hija kienet inkwetat minhabba l-eta` taghhom. Tghid:-

*"Jiena kont inkwetajt li forsi kienu ghadhom immaturi wisq ghaz-zwieg, pero' qatt ma ndhaltilhom. Kont inhoss li Aqisha ma kinitx taf ghal xiex kienet diehla meta kienet titkellem dwar zwieg. Kienet titkellem dwar iz-zwieg qisu l-hajja mizzewga kienet ser tkun kollha ward, u qatt ma kienet tqis il-piz li wiehed jidhol ghalih meta jkun qed jippjana familja."*

**(II) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi l-attrici fil-premessi tac-citazzjoni taghha qed tattribwixxi n-nullita' taz-zwieg in ezami fuq:-

*"Premess illi l-partijiet rabtu l-kunsens taghhom ma kondizzjonijiet li jirreferu ghal futur;*

*Premess illi l-kunsens tal-attrici inkiseb bi vjolenza u/jew biza';*

*Premess illi l-kunsens tal-attrici ghal dan iz-zwieg inkiseb b' qerq dwar kwalita` tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja konjugali;*

*Premess illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghha u/jew b' anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-konvenut li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*Premess illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga da parti tal-konvenut;*

*Premess illi l-partijiet ghalkemm mhux interdetti jew marida b' mohhom ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg ukoll minhabba raguni temporanja, setghet intelletwali jew ta' rieda bizejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg."*

Illi **L-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255), Artikolu 19(1)** jghid:

*(a) jekk il-kunsens ta xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza;*

*(c) jekk il-kunsens ta xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b' qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewwga;*

*(d) jekk il-kunsens tal-partijiet, jew ta' xi wahda minnhom, kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjoniijiet essenzjali taz-zwieg;*

*(f) jekk il-kunsens ta xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed*

*jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;*

*(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;*

*(h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b' mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.*

Illi ghall dak li jipprovdi **l-artikolu 19(1) (a)** jinghad li fil-kawza **"Lorenza Muscat vs Dr Paul Micallef et noe"** (P.A. - 17 ta' Frar 1988) inghad li sabiex zwieg ikun invalidat fuq din il-premessa l-biza irid ikun ta' certu gravita`, pero' jista' jkun assolut jew relattiv. Il-biza' jkun assolut meta tkun tant gravi illi gieghel bniedem normali jibza' tant illi jidhol fiz-zwieg kontra il-volonta` tieghu. Il-biza' ikun relattiv meta jkun tali li jekk impost fuq persuna timida jirrizulta f' biza' li huwa relattivament gravi.

Illi fil-kawza **"Tanya Curmi vs Charles Curmi"**, deciza fit-18 ta' Mejju 1988, gie ritenut li *"in order to be considered as a vice of consent, regard must be had not only to the gravity of such fear, but also to the character and condition of the person subjected to the fear."*

Illi kif jghidu ***L. Wrenn u Brown R,*** *"there must also be some objective gravity that is at least prudently feared."* Wiehed irid iqis biza b' mod soggettiv u oggettiv. Fil-kawza **"Mary Lourdes Spiteri vs Christian Spiteri",** (P.A. - 6 ta' Lulju 1993) giet moghtija s-segwenti definizzjoni ta' "biza":-

*"ghal dak li jirrigwarda l-biza din tista tigi definita fi trepidazzjoni jew ecitament kbir fil-mohh li jigi kawzat minn xi incident jew haga kemm ta' dak il-hin, kemm minn haga li tista tigri fil-futur. Dan it-tahwid fil-mohh irid ikun tali li jaffettwa l-mohh ta' min qieghed jaghti l-kunsens u li jaghtih biex jevita dak li qieghed jigrilu jew dak li jista jigrilu."*

Illi fil-kawza **“Josephine Drew vs Dr Thomas Abela et noe”** (P.A. - 12 ta’ Marzu 1992, din il-Qorti ssostniet li biza hija bhala *“dik l-offiza li titwettaq kontra l-liberta`, hekk li precizament minhabba din il-biza, quis cogatur ad contrahendum matrimonium.”* Fil-kawza **“Mary Bilocca vs Gaetano Bilocca”** (P.A. - 16 ta’ Mejju 1990) gie sostnut li biza’ hija *“the effect, which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouses.”*

Illi fil-kawza **“Raymond Bugeja vs Angela Bugeja”** (P.A. 2 ta’ Dicembru 1987) gie ikkunsidrat il-kaz fejn il-kunsens inkiseb bi vjolenza, fisika u morali u bil-biza’. Ikkunsidrat ukoll il-kaz fejn xi wahda mill-partijiet ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Jinghad *“Di fatti dan isostni [Dr Pisani] li kieku ma kenitx ghall-minaccja ta’ missier il-konvenuta li jisparalu f’ kaz li ma jizzewwigx lil bintu meta din harget tqila mill-attur, huwa ma kienx jasal biex jizzewweg lill-konvenuta.”*

Illi fil-kawza **“Joseph D’Ugo vs Rita D’Ugo”** (P.A. - 28 ta’ Gunju 1994) gie ritenut li:-

*“Il-biza tirrizulta minn tlett elementi. Fl-ewwel lok, trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jesercitaha irid ikun kapaci, resumevolment li jesegwixxi dak li qed ihedded li jaghmel; u fit-tielet lok, il-biza trid tkun il-mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid.”*

Illi ghall dak li jirrigwarda l-**artikolu 19(1) (c)** jinghad li l-qerq ravvizat fid-disposizzjoni jincidi direttament fuq l-intellett ta’ xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u indirettament fuq il-volonta` tal-persuna ingannata.
Il-gurista **Jose` Castano** jispjega:

*“Il dolo causa direttamente errore nell’ intelletto del paziente, il quale <u>ex errore</u> consente. Con la perticella <u>ex</u> vogliano significare l’immediata causalita` dell’ errore sul consenso. L’atto di consentire pero` e’ atto entitivamente*

*di volonta`.”* (**Il Sacramento del Matrimonio**, Roma, 1992 p.357).
Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Mary Farrugia vs Joseph Farrugia”** (P.A. - 13 ta’ Marzu 1995) inghad li sabiex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba’ affarjiet u cjoe:-

*“(1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;(2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;(3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita` tal-parti l-ohra; u (4) li din il-kwalita` tkun* <u>*tista*</u> *mix-xorta taghha tfixxkel* <u>*serjament*</u> *il-hajja mizzewga.”*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (d)** issir riferenza ghall-kawza **“Natasha Xuereb vs Randolph Xuereb”** P.A. (RCP) 26 ta’ Novembru 2002) fejn gie ddikjarat *“li b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju l-legislatur ma riedx iffisser sempliciement kwalsiasi stat ta’ immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku.”* (ara f’ dan is-sens **“Nicholas Agius vs Rita Agius”** deciza fil-25 ta’ Mejju 1995).

Illi fil-fatt l-kunsens ta’ zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma dik il-persuna u jikkrejaw familja. Dan jehtieg maturita’ ta’ hsieb fejn wiehed jaghraf l-obligazzjonijiet u d-dmirijiet li tinvolvi l-hajja ta’ zwieg. Il-kuncett ta’ *discretio judicii* tirrikjedi konoxxenza tad-drittijiet, d-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga li dehlin fiha l-partijiet.

Illi kif jispjega ukoll l-gurista ***Colagiovanni:*** *“Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus…richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e per lo meno rescindibile, in casi determinanti dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta` dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita”* **(Forum 1990, Vol 1,** part 1, page 72)

Illi **Dr Abigail Attard,** fit-tezi taghha **“Grounds of Annulment of Marriage with special reference to Defects of a psychological nature in the light of the**

**1981 Amendments to the Marriage Act 1975"** tghid li d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"..supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly."*

Illi fil-kawza **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** (P.A. - 4 ta' Novembru 1994) gie ezaminat il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju u dahlet fil-fond f'dak li jghid il-gurista ***Bersini*** fis-sens li:-

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva….La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' att da compiere, agli obbligi essenzjali da assumersi e ai diveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore.."* **(Il Diritto Canonico Matrimoniale-** Bersini-Torino 1994).

Illi l-impenn ghall-futur jfisser l-obbligazzjonijiet essenzjali li minghajrhom l-unjoni intima tal-hajja mizzewga ma tistax issehh, fosthom fedelta` u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u l-*benessere* reciproka tal-partijiet. Il-partijiet irid ikunu kapaci jirriflettu fuq dawn l-obbligazzjonijiet u dmirijiet u jkunu kapaci jwettqu dawn tul il-hajja taghhom.

Illi dawn l-obbligazzonijiet essenzjali mhux definiti fil-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.** Izda fil-gurisprudenza nostrali inkluz fil-kawza **"Natasha Xuereb vs Randolph Xuereb"** gja citata inghad li:-

*"…dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala obbligazzonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union*

*between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an evironment conducive to the reception and eduction of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community…..these essential obbligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable….”* ***(Viladrich, P.J***., *op. cit.,* p 687)

Illi fil-kawza **“Anna Galea vs John Welsh”** (P.A. - 30 ta’ Marzu 1995) gie osservat li inerenti f’dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-kontendenti li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita *“the community of life and love”*.

Illi jinghad ukoll li jkun hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju meta jkun hemm inkapacita` psikika, li mhux necessarjament timplika anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku. Fil-fatt fil-kawza **“Isabelle Attard vs Stephen Attard”** (P.A. - 21 ta’ Novembru 1995) gie osservat li d-difett ta’ kunsens m’ ghandux jigi ekwiparat ma’ semplici inkompatibilita` ta’ karattru jew ma decizjoni zbaljata.
Illi l-istess fil-kawza **“Janet Portelli vs Victor Portelli”** (P.A. - 14 ta’ Awissu 1995) gie osservat: li *“it seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if anyone of the following three conditions or hypothesis is verified; (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering the marriage is lacking; (2) when the contracting party had not reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient wieghing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within.”*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *(“colorem habens, substantiam vero nullam”)* kif

ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu*", jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat il-'*finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att posittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci*

*jghati l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel ma' l-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar millobbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) din il-Qorti diversament presjeduta elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"consortium vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubilita` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-Ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilita' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J*. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*,** fii-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe`:-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-omissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi dwar **l-artikolu 19 (1) (g)** skond **J. Edwards Hudson** gie spjegat li *" a condition could either be suspensive of resolutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. Eg 'I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you'"* **Handbook II for Marriage Nullity Cases** (pagna 107).

Illi hawn issir riferenza ghal-kawza fl-ismijiet **"Emanuel Vella vs Mona Lisa Vella",** (P.A. (RCP) -1 ta' Ottubru 2002) fejn gie ritenut li:- *"Il-kundizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta' annullament taz-zwieg jekk il-kondizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur."*

**(III) APRREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi l-fatti li rrizultaw mill-provi prodotti huma s-segwenti u cjoe' li l-attrici kienet immatura meta izzewget. Il-kontendenti bdew johorgu flimkien meta l-attrici kellha 13-il sena. Huwa tgharrsu meta l-attrici kellha 16-il sena u izzewgu fit-13 ta' Settembru 1991 meta kellha 17-il sena. Meta iltaqghu l-attrici kienet ghada tifla u tmur l-iskola. Hija kienet il-bandli meta iltaqghet mieghu. L-attrici stess tghid *"li kont ghadni zghira u mmatura u kont nikkonvinci ruhu malajr."* Fil-fatt il-konvenut kien xi sitt snin ikbar mill-attrici. Ta' dik l-eta' huwa ovvju li l-attrici kienet immatura, tant li l-konvenut spicca jikkmandaha huwa f' dak kollu li ghandu jsir. Din l-attitudini tal-konvenut sahanistra zdidet wara z-zwieg.

Illi dwar din id-dominanza tal-konvenut l-attrici tghid li huwa kien qalilha: *"jiena r-ragel tieghek u nghid li rrid u jiena nikkmandak."* Huwa kien jikkmanda fuq kollox inkluz flus, xiri ta' oggetti u ilbies taghha, tindif tad-dar u hrug. Kien ukoll pussessiv u vjolenti.

Illi apparti dan jirrizulta li l-konvenut kien membru tal-J*ehovah's Witnesses* u l-attrici, li kienet Kattolika, qabel iz-zwieg biddlet ir-religjon u marret mal-*Jehovah's*

*Witnesses.* Tghid: *"Jiena nghid illi mhux dhalt mal-Jehovah's pero' dahluni u dana ghaliex "jekk ma tistudjax il-Bibja taghhom titlef hajtek," u cioe' ghaliex tinxtered man-nies hziena illi ma kienux Jehovah's. " I was roped in," jiena kont ghadni zghira. Bkien jehodni mieghu ghal-laghqat tal-Jehovah bilfors ghaliex ma kienx jafdani wahdi mkien. Jiena kont immur bil-fors. "I was dragged in and I had no other options." Jiena kont mhedda bil-hajja cioe' jekk ma tmurx sejra nitlef hajti u mmut."*

Illi fil-fatt jirrizulta wkoll li l-attrici kienet imxebba d-dar tal-genituri taghha minhabba l-glied kontinwu. L-attrici tixhed: *"..iz-zwieg jiena kont ninsisti illi jsir- kont nippushjah hafna ghaliex jiena kont imxebba d-dar u Bkien jafu dan u ghalhekk ridt nizzewweg. Huwa kien ighidli: "m'ghandniex ghalfejn nghagglu," pero' jiena ridt li nghaggel nizzewweg sabiex nitlaq mid-dar u nkun wahdi mieghu. Jiena d-dar kelli hafna dejjem bil-glied u l-argumenti u dana fuq Bghaliex ma kienx accettat id-dar u l-iktar minhabba r-religjon. Ommi kienet issakkarni gewwa sabiex ma nohrogx mid-dar u niltaqa' mieghu, gieli anki sawwtuni sabiex ma niltaqax mieghu pero' jiena xorta wahda bqajt niltaqa' mieghu."* Tghid ukoll: *"Jiena kont lesta illi nitlaq lill-familja u nizzewweg lil Bpero' ma kontx kuntenta mieghu. Jiena d-dar mal-genituri kelli l-problemi minhabba Bu r-religjon. Kienu anki sakkruni gewwa d-dar. Ridt insolvi l-problemi tad-dar billi nitlaq u ninfacca bi problemi ohra cioe' Bu r-religjon. Jiena sibt li l-hajja tispicca ghalija. Nahseb illi kien hemm immaturita' minn naha tieghi."* Omm il-konvenut ukoll xehdet car dwar dan. Tixhed: *"Kienet dejjem tghidli l ijigri tizzewweg ghax ma felhitx aktar tghix mal-genituri taghha."*

Illi dwar l-immaturita' tal-attrici jirrizulta wkoll minn dak li xehed Father Adrian li qal: *"Akienet infatwata u ghaliha ma kienx hemm "turning back". Kienet lesta, kif fil-fatt ghamlet, li anke titlaq ill-familja taghha sabiex tkun ma' David. Ma kinitx qed tirraguna."* Jinghad ukoll li l-attrici accetattat li tizzeweg lill-konvenut bil-patt u kundizzjoni li l-konvenut kellu jieqaf mill-loghob ta' l-azzard. Tghid: *"..bil-weghda li ma jilghabx izjed kont accettajt il-kundizzjonijiet tieghu li nikkonverti ghar-religjon tal-Jehovah Witnesses".*

Jidher li l-konvenut fil-fatt ma zammx din il-weghda u kien ammetta mal-attrici li waqt iz-zwieg huwa kien qed jghix hajja doppja.

Illi fil-fatt gie wkoll ippruvat li kien hemm ukoll bidla radikali fl-imgieba tal-konvenut fil-konfront tal-attrici wara z-zwieg. Huwa sar vjolenti u aggressiv u l-attrici tghid *"illi Bqatt ma kont nafu hekk-kien inbidel. Bqatt ma refa' jdejh fuqi jew ghamel xenati qabel iz-zwieg."*

Illi din il-Qorti thoss li ghandha taqbel mal-perit legali li dan iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat bhala null stante li l-attrici kellha l-kusens taghha vizzjat minhabba difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali taghha u fil-fatt kienet ghadha biss tifla u immatura ghall-ahhar, u kien ghalhekk li hija giet totalment dominata mill-konvenut, li ma' agixxiex ta' sieheb taghha, izda ta' wiehed superjuri ghaliha.

Illi fil-fatt l-istess perit legali sostniet li din kienet unjoni li sehhet meta *"l-attrici ma kinitx lesta ghaz-zwieg. L-attrici kienet ghadha tifla tal-iskola, immatura u ghadha ser tibda tesperjenza l-hajja. Kif zvolgew l-affarjiet f' dan il-kaz, jidher car l-immaturita` taghha u l-isfida lejn il-genituri taghha waslithom li jizzewgu. Ma kienx hemm pero`, ebda hsieb, riflessjoni jew apprezzament tal-pass li kienet ser taghmel. L-ingann tal-konvenut ukoll incida fuq il-kunsens tal-attrici".*

Illi mill-provi migbura jirrizulta wkoll li l-konvenut qabel iz-zwieg kien wieghed lill-attrici li kien sejjer jieqaf jilghab il-loghob tal-azzard. Jidher li dan ma zammx kellmtu u fil-fatt meta l-partijiet kienu sejrin jinfirdu l-konvenut kien ammetta li *"jiena minn wara darek kelli hajja doppja"*. Kien hemm ukoll bidla radikali fl-imgieba tal-konvenut fil-konfront tal-attrici wara z-zwieg. Huwa sar vjolenti w aggressiv u l-attrici tghid *"illi Bqatt ma kont nafu hekk-kien inbidel. Bqatt ma refa' jdejh fuqi jew ghamel xenati qabel iz-zwieg."*

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni tal-perit legali li mill-provi prodotti ghalhekk jidher li l-erba'

elementi ta' qerq indikati fl-artikolu appositu tal-ligi gew sodisfatti u fil-fatt il-konvenut f'dan il-kuntest hekk qarraq bl-attrici. Jidher li l-ingann tal-konvenut mhux biss seta fixkel serjament il-hajja mizzewga, izda effettivament f'dan il-kaz fixkel din il-hajja tant li l-kontendenti sseparaw; ma hemm l-ebda dubju li dan kien ta' importanza kbira ghar-relazzjoni bejn il-partijiet, u l-fatt li l-konvenut qatt ma' kien fil-fatt heles minn dan il-vizzju u lanqas jidher li f'dak il-mument impenja ruhhu sabiex jehles minnu, jwassal sabiex jinghad li huwa dahhaq bl-attrici u wkoll ivvizja l-kunsens taghha.

Illi ghalhekk mix-xhieda mressqa johrog car illi l-attrici mhux biss ma kellhiex il-kapacita` li taghti kunsens validu taz-zwieg, izda l-kunsens li tat ma inghatax b' mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. L-attrici kienet ghadha ta' eta` zghira. Ma kenitx taf il-piz li din l-istutizzjoni taz-ziweg jgib maghha. Jidher li l-attrici ma kellhiex dik il-maturita` li taghmilha kapaci tirrifletti fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewwga u tkun kapaci terfghu u twettaq l-istess tul l-hajja taghha.

Illi fuq kollox ma kienx hemm preparazzjoni, riflessjoni jew apprezzament tar-responsabiltajiet rizultanti minn dan il-pass. Il-genituri tal-attrici offrew oppozzizzjoni qawwija ghall-istess zwieg izda dan serva biss sabiex l-attrici iktar twebbes rasha u tizzewweg lill-konvenut sabiex titlaq mid-dar tal-genituri taghha. L-ghan ewlieni tal-attrici kien li tizzewweg sabiex titlaq mid-dar tal-genituri taghha. Dana ghamlitu minghajr ma irrifletiet fuq il-konsegwenzi tal-pass taghha. Il-konsegwenzi ta' l-immaturita` tal-attrici jidhru bic-car mill-prosegwiment taz-zwieg taghhom.

Illi fil-fatt l-istess perit legali kkonkludiet hekk:-

*"Skond il-provi migbura u l-kunsiderazzjonijiet tal-principji legali applikati ghall-kaz in ezami, jidher li l-immaturita` tal-attrici u l-isfida taghha lejn il-genituri wasslitha sabiex tizzewweg minghajr preparazzjoni, riflessjoni jew apprezzament tar-responsabbiltajiet rizultanti minn dan il-pass. L-ingann tal-konvenut ukoll incida fuq il-kunsens tal-*

*attrici. Ghalhekk in-nullita' ta' dan iz-zwieg fil-konfront tal-kontendenti gie ippruvat."*

Illi ghalhekk abbazi tal-premess din il-Qorti thoss li dan iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat null abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** kif fuq premess ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** biss fis-sens hawn premess b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett *ai termini* ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** kif fuq premess ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------